

32006R1989

L 411/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2006

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1989/2006****tal-21 ta' Diċembru 2006**

**li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija (<sup>(1)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija (<sup>(2)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 56 ta' l-Att ta' Adeżjoni, fejn atti li jibq-għu validi wara l-1 ta' Jannar 2007 jeħtieġ adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa mhumiex previsti fl-Att ta' Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, l-atti meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kunsill, sakemm ma tkunx il-Kummissjoni li tkun adottat l-att oriġinali.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (<sup>(3)</sup>) jiddefinixxi r-regoli ġenerali li jirregolaw l-għajnejha tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-Fond ta' Koeżjoni u l-objettivi tagħhom. Skond l-Artikolu 53, l-Anness III ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-limiti massimi applikabbli għar-rati ta'

ko-finanzjament fil-programmi operattivi, mill-Istati Membri u skond l-objettiv, abbażi ta' kriterji oġġettivi. L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu jiġi adattat sabiex jieħu in konsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

- (3) Jeħtieġ li jkun żgurat li kwalunkwe adattament tekniku għal-leġiżlazzjoni li tirregola l-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni ikun adottat minnufih biex jippermetti lill-Bulgarija u l-Rumanija li jressqu dokumenti ta' programmazzjoni mid-data ta' l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu għalda qstant jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 huwa b'dan mibdul bit-test fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss suġġett għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u l-Rumanija.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
J. KORKEAOJA*

(<sup>1</sup>) ĠU L 157, 21.6.2005, p. 11.

(<sup>2</sup>) ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203.

(<sup>3</sup>) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

## ANNESS

## “ANNESS III

**Il-limiti massimi applikabbi għar-rati ta' ko-finanzjament**

## (imsemmija fl-Artikolu 53)

Kriterji	Stati Membri	Il-FEŻR u l-FES Perċentwali tan-nefqa eliġibbi	Il-Fond ta' Koeżjoni Perċentwali tan-nefqa eliġibbi
(1) L-Istati Membri li l-PGD medju per capita tagħhom għall-perjodu 2001-2003 kien inqas minn 85 % tal-medja ta' l-UE 25 tul l-istess periodu	Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċċa, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungernja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Solvenja, is-Slovakkja	85 % għall-objettivi ta' Konverġenza u ta' 'Kompetittivitā Reġionali u Impiegħi'	85 %
(2) L-Istati Membri għajr dawk taħt (1) eliġibbi għar-reġim transizzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni fl-1 ta' Jannar 2007	Spanja	80 % għall-objettiv ta' Konverġenza u r-reġjuni ta' dħul gradwali taħt l-objettivi tal-Kompetittivitā Reġionali u Impiegħi  50 % għall-objettivi ta' Kompetittivitā Reġionali u Impiegħi barra r-reġjuni ta' dħul gradwali	85 %
(3) L-Istati Membri għajr dawk imsemmija taħt (1) u (2)	Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franzja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit	75 % għall-objettiv ta' Konverġenza	—
(4) L-Istati Membri għajr dawk imsemmija taħt (1) u (2)	Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franzja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit	50 % għall-objettiv ta' Kompetittivitā Reġionali u Impiegħi	—
(5) Ir-reġjuni l-aktar estremi imsemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat li jibbenifikaw mill-allokazzjoni addizzjonalni għal dawn ir-reġjuni prevista fil-paragrafu 20 ta' l-Anness II	Spanja, Franzja u l-Portugall	50 %	—
(6) Ir-reġjuni l-aktar estremi imsemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat	Spanja, Franzja u l-Portugall	85 % taħt l-objettivi ta' Konverġenza u ta' Kompetittivitā Reġionali u Impiegħi	—"'